MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2008

Citazzjoni Numru. 31/1998/1

Angelo Cefai u s-socjeta kummercjali Castle Hill Limited

Vs

Il-Korporazzjoni Enemalta u ghal kull interess li jista' jkollha l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma

Il-Qorti,

**Permezz ta' din il-kawza l-atturi talbu dikjarazzjoni li mhu dovut l-ebda hlas lill-Korporazzjoni Enemalta ghal xoghol ta' estensjoni u devjazzjoni ta' cable tal-elettriku ghaliex hallsu dak li kellu jithallas skond stima li kienet saret mill-istess Korporazzjoni. Qeghdin ukoll jitolbu sabiex jigi dikjarat li l-Korporazzjoni m'ghandha l-ebda jedd tissospendi s-servizz tal-elettriku, ghaliex l-atturi m'humiex debituri taghha u sabiex l-istess Korporazzjoni tigi nibita milli**

**tissospendi l-provvista tal-elettriku fil-kumpless Citadel Theatre, Telgha tal-Kastell, Victoria, Ghawdex.**

Rat ic-citazzjoni prezentata fit-2 ta' Frar 1998 li permezz taghha l-atturi pprmettew li:

Is-socjeta' attrici topera u tiggestixxi l-kumpless maghruf bhala "Citadel Theatre", fit-Telgha tal-Kastell kantuniera ta' Pjazza Indipendenza, Victoria, Ghawdex.

Fl-elf disgha mija u erbgha u disghin (1994) fl-okkazjoni meta kien qieghed jitlesta dan il-kumpless, is-socjeta' attrici ftehemet mal-Korporazzjoni Enemalta sabiex issir devjazzjoni u estensjoni tal-cable tal-kurrent elettriku minn sub-station ghall-istess kumpless.

Dan ix-xoghol sar in parti direttament minn haddiema kkummissjonati mis-socjeta' attrici u in parti mill-Korporazzjoni Enemalta wara li kien hemm qbil bejn il-partijiet dwar l-ispejjez involuti. Dan a bazi ta' stejjem ippreparati mill-Korporazzjoni konvenuta wara li sar pagament anki bil-quddiem, skond ftehim bil-miktub iffirmat bejn l-atturi u l-Korporazzjoni Enemalta.

Ix-xoghol kkummissjonat direttament mis-socjeta' attrici thallas minnha. Dwar ix-xoghol l-iehor, is-socjeta' attrici hallset lill-Korporazzjoni konvenuta l-bilanc li kien ghadu dovut ghall-ispejjez minfuqa u kif ukoll il-kontribuzzjonijiet kollha relattivi qabel ma inghatat il-provvista tal-kurrent elettriku fl-istess Kumpless.

Peress illi ricentement, iktar minn sentejn wara li kienu gew saldati l-hlasijiet, il-Korporazzjoni konvenuta bdiet tallega li kienet ghadha dovuta lilha s-somma ta' elf erba' mija u wiehed u tletin lira Maltija u tlieta u tmenin centezmu (Lm1,431.83).

Peress illi meta l-atturi irrifjutaw li jhallsu, il-Korporazzjoni konvenuta sostniet li kienet ser tiehu passi sabiex tassigura l-hlas liema passi jinkludu anki l-interruzzjoni tal-provvista' tal-kurrent elettriku.

Peress illi permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar tal-elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) fl-atti tal-mandat numru 523/1997 fl-ismijiet premessi l-konvenuti gew mizmuma milli jipprocedu ghall-interruzzjoni tal-provvista tal-elettriku u ilma.

Talbu lil din il-Qorti;

1. Tiddikjara li ma huma dovuti ebda hlasijiet mill-atturi lill-Korporazzjoni Enemalta in konnessjoni max-xogholijiet ta' estensjoni u devjazzjoni tal-cable tal-elettriku kif pretiz mill-istess Korporazzjoni.

2. Konsegwentement tiddikjara wkoll li kull interruzzjoni tal-provvista tal-elettriku sew fil-kumpless imsemmi u kif ukoll f'xi propjeta' ohra minhabba n-nuqqas ta' hlas tal-ammont pretiz mill-istess Korporazzjoni jkun illegali u abbuziv u bi ksur tal-jeddijiet tas-socjeta' attrici.

3. Konsegwentement ukoll tinibixxi lill-Korporazzjoni konvenuta milli tissokta b'tali azzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata mill-Koporazzjoni Enemalta fit-13 ta' Mejju 1998 (fol. 24):

1. Illi bi ftehim li sar fl-elf disgha mija u erbgha u disghin (1994) bejn is-socjeta' attrici u l-Korporazzjoni Enemalta ghal devjazzjoni u estensjoni tal-'cable' tal-kurrent elettriku minn sub-station ghal Citadel Theatre kien hemm biss stima ta' l-ispejjez involuti u pagabbli mis-socjeta' attrici ghal dan ix-xoghol.

2. Illi l-ispejjez attwali dovuti mis-socjeta' attrici ghax-xogholijiet imsemmija kienu jammontaw fil-fatt ghas-somma ta' elf erba' mija u wiehed u tletin lira Maltija u tlieta u tmenin centezmu (Lm1,431.83) aktar mill-istima li kienet saret fil-ftehim imsemmi;

3. Illi skond il-prattika accettata u wzata mill-Korporazzjoni Enemalta s-socjeta' attrici giet mitluba li thallas dan l-ammont immedjatament li gie verifikat;

4. Illi l-Korporazzjoni Enemalta ghandha d-dritt skond l-Electricity Supply Regulations 1993 li tissospendi l-provvista' ta' l-elettriku lil Citadel Theater sakemm l-ammont dovut jigi mhallas.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata fl-14 ta' Mejju 1998 (fol. 55) mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma:

1. Illi ma kinitx parti ghal ftehim indikat fic-citazzjoni, li sar bejn is-socjeta' attrici u l-Enemalta fl-1994.
2. Fi kwalunkwe kaz m'ghandhiex awtorita' bil-ligi li tissospendi l-provvista ta' l-elettriku u lanqas terga' taghti lura tali provvista wara li tkun giet sospiza.
3. Ghalhekk ghandha tigi mehlusa mill-osservanza tal.gudizzju, bl-ispejjez kontra l-atturi.

Semghet il-provi u s-sottomissjonjiet tad-difensuri.

Rat l-atti kollha.

Rat l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru: 523/1997.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Mejju 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti:-
(a) Il-kumpannija attrici Castle Hill Ltd tiggestixxi Citadel Theatre, Victoria, Ghawdex. Il-fond hu proprjeta' ta' l-avukat Dr. Victor Bajada, Angelo Cefai u Igantius Attard (ara xhieda tal-avukat Dr. Victor Bajada tas-seduta tat-22 ta' Frar 2008 (fol. 181) u kuntratt ta' xiri tat-8 ta' Jannar 1993 fl-atti tan-nutar Dr. George Pisani [fol. 183]).
(b) Fl-1994 sar ftehim bejn l-attur u l-korporazzjoni konvenuta sabiex isir estensjoni ta' cable ghal *Three Phase Supply* lill-kumpanija attrici. Mal-ftehim l-attur hallas depozitu ta' elf disgha mija u sitt liri Maltin (Lm1,906) li hu hamsin fil-mija (50%) tal-ammont globali ta tlett elef tmien mija u tnax-il lira Maltija (Lm3,812). L-istess attur awtorizza lill-Korporazzjoni Enemalta sabiex

mid-depozitu zzomm dak l-ammont li jkopri l-ispejjez ghat-tqeghid tal-cable, u *"....binding himself to pay into the Enemalta Corporation any sum wich may have been expended over and above the same amount of one thousand nine hundred and six Maltese Liri deposited by the said Mr. Angelo Cefai."*[1]. Inoltre fil-ftehim jinghad: *"The rest of the sum of three thousand, eight hundred and five Maltese Liri i.e. (Lm1906) to be paid prior to electricity supply."*. Ic-cifri li huma ndikati f'dan il-ftehim huma bazati fuq stima.

(c) Qabel gie ffirmat il-ftehim intbaghat avviz lill-kumpannija attrici fejn jinghad li *".... l-ispiza ghal dan ix-xoghol, **li hija suggetta ghal kont finali**, hija stmata li tlahhaq madwar Lm3812 u din trid tigi mhallsa minnek skond l-Artiklu 11 tar-Regolamenti dwar il-Provvista tal-Kurrent Elettriku."* (fol. 30).

(d) Fit-2 ta' Novembru 1994 Angelo Cefai hallas is-somma ta' Lm1906 permezz ta' zewg cekkijiet[2].

(e) Kif tlesta x-xoghol Angelo Cefai rega' ghamel pagament ta' Lm1906[3].

(f) Ghal dan ix-xoghol il-Korporazzjoni Enemalta tippretendi hlas iehor ta' elf u tnejn u hamsin lira Maltija (Lm1,052)[4] minghand is-socjeta attrici.

(g) Il-Korporazzjoni ghamlet xoghol iehor li kien jikkonsisti fid-devjazzjoni ta' cable. Fis-17 ta' Gunju 1997 inhareg kont (fol. 40) mill-Korporazzjoni ghall-materjal u mano d'opera ghas-somma ta' elf mija u ghaxar liri Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm1,110.84), minn liema ammont tnaqqset is-somma ta' sebgha mija u disgha u tletin lira Maltija (Lm739) hlas ta' depozitu li sar f'zewg pagamenti (5 ta' Dicembru 1994 [fol. 35] u 7 ta' Dicembru 1994 [fol. 37]). Il-Korporazzjoni qeghda tippretendi hlas tal-bilanc fl-ammont ta' tlett mija u wiehed u sebghin lira Maltija u erbgha u tmenin centezmu (Lm371.84) minghand is-socjeta attrici.

(h) Ghalhekk il-Korporazzjoni Enemalta qeghda tippretendi hlas komplessiv ta' **elf erbgha mija u wiehed u tletin lira Maltija u tlieta u tmenin centezmu**

---

[1] Fol. 95-96.
[2] Ara kopja ta' ricevuta a fol. 97.
[3] Ara ricevuta datata 6 ta' Mejju 1995 u cekk datat 5 ta' April 1995 (fol. 98).
[4] Ara rendikont a fol. 73.

**(Lm1,431.83)**, cjoe' tlett elef tlett mija u hamsa u tletin euro u sebgha u ghoxrin centezmu (€3,335.27).
(i) Fit-8 ta' Ottubru 1997, il-Korporazzjoni Enemalta baghatet ittra lill-kumpannija attrici fejn talbitha thallas l-ammont imsemmi u ddikjarat: *"we expect that payment is effected immediately in order to prevent us from proceeding with all necessary action to enforce settlement. This will be done automatically. We hope that you will take advantage of this final opportunity to escape the unpleasantness of a forced collection."* (fol. 44).
(j) Fit-22 ta' Frar 2008 l-atturi pprezentaw nota li biha ddikjaraw li *"qed icedu u jirtiraw l-ewwel talba dedotta fic-citazzjoni taghhom, filwaqt li jzommu fermi t-tieni u t-tielet talba taghhom."* (fol. 265). Fadal ghalhekk it-talbiet li jaqraw:-

***"2. Konsegwentement tiddikjara wkoll li kull interruzzjoni tal-provvista tal-elettriku sew fil-kumpless imsemmi u kif ukoll f'xi proprjeta' ohra minhabba n-nuqqas ta' hlas tal-ammont pretiz mill-istess Korporazzjoni jkun illegali u abbuziv u bi ksur tal-jeddijiet tas-socjeta attrici.***

***3. Konsegwentement ukoll tinibixxi lill-Korporazzjoni konvenuta milli tissokta b'tali azzjoni."***.

Il-Korporazzjoni Enemalta ssostni li ghandha kull jedd skond ir-regolamenti tal-1993 li tissospendi l-provvista ta' l-elettriku f'Citadel Theatre.

2. Jibda biex jinghad li l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma ma ghamlet l-ebda ftehim mal-atturi ghall-ghoti ta' xoghol u lanqas wettqet xi xogholijiet fuq inkarigu tal-atturi. F'dan il-kuntest hi flokha l-ewwel eccezzjoni li nghatat minn din il-Korporazzjoni (fol. 55). Inoltre ma nghatatx xi prova (wisq inqas saret riferenza ghal xi regolamenti) li din il-Koporazzjoni ghandha l-awtorita' li tissospendi l-provvista ta' elettriku jew li taghti lura servizz li jkun gie sospiz. Jekk tkun qeghda taghmel hekk dan ikun biss bhala agent tal-Enemalta. Ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Permezz ta' eccezzjoni ulterjuri prezentata fis-16 ta' April 2008 (fol. 271) il-Korporazzjoni Enemalta qeghda ssostni li hemm nuqqas ta' interess guridiku tal-atturi peress li hadd minnhom mhu *registered user* ghas-servizz li tipprovdi l-Korporazzjoni u s-socjeta attrici lanqas mhi l-proprjetarja tal-fond. Inoltre, il-Korporazzjoni konvenuta ma tistax tigi inibita permanentement milli tinterrompi l-provvista tad-dawl.

Rilevanti ghall-ezitu ta' dawn il-proceduri huma **r-Regolamenti Fuq il-Provvista tal-Elettriku** (Avviz Legali 223 ta' l-1940 kif emendat matul is-snin b'diversi Avvizi Legali).

Skond dawn ir-regolamenti "konsumatur" tfisser: ***"il-persuna li lilha, jew akkont taghha, jinghata l-kurrent elettriku minn Enemalta."***, u fit-test Ingliz hi iktar cara: *"the person or* ***body*** *to whom or on whose account electricity is supplied by Enemalta."*. Fil-kaz taghna jidher li l-konsumatur registrat mal-Korporazzjoni hu l-avukat Dr. Victor Bajada. Angelita Grech xehedet li *"Fir-rigward ta' Citadel Theatre, Rabat, Ghawdex is-servizz tad-dawl u ilma huma registrati f'isem l-Avukat Victor Bajada. Dan ilu registrat b'dan il-mod minn qabel l-elf disgha mija u hamsa u disghajn (1995)."* (fol. 276). Il-Korporazzjoni konvenuta ssostni li l-konsumatur hu l-avukat Dr. Victor Bajada, tant hu hekk li permezz ta' eccezzjoni ulterjuri (fol. 271) eccepit li l-atturi m'ghandhomx interess guridiku *"...stante illi hadd minnhom m'huwa r-'registered user' ghas-servizzi rezi mill-Korporazzjoni konvenuta."*.

Fir-regolament 67 hemm kontemplat id-dritt tal-Korporazzjoni li taqta' l-provvista tal-elettriku:-

> **67.** Jekk kont jew talba għall-ħlas, debitament preżentata lill-konsumatur, ma titħallasx fi żmien erbatax-il jum minn mindu tiġi preżentata, jew jekk id-depożitu meħtieġ skond ir-regolament 8 ma jsirx fi żmien erbatax-il jum minn meta ssir dik it-talba, il-provvista tal-kurrent f'dak il-kont u f'kull kont ieħor li jkun f'isem l-imsemmi konsumatur tista' tiġi sospiża mingħajr ma jingħata ebda avviż minn qabel.

Fil-kaz taghna l-kontijiet inhargu f'isem Castle Hill Limited u mhux f'isem Dr. Victor Bajada li l-Korporazzjoni qeghda tikkunsidra bhala l-konsumatur. Minn qari tar-regolamenti jidher li r-regolament 67 japplika fil-kazijiet ta' kontijiet relatati mal-konsum ta' elettriku u hlas ta' kera ta' meter u fejn jintalab hlas ta' depozitu skond regolament numru 8 u ma jsirx, u mhux ghal kaz bhal dak mertu ta' din il-kawza. F'kull kaz il-Qorti ma tistax tara kif dan ir-regolament jista' qatt japplika ghal dan il-kaz taghna meta tqies li l-ftehim ghax-xogholijiet sar mal-kumpannija attrici u mhux mal-konsumatur registrat mal-Korporazzjoni (Dr. Victor Bajada). Dan iktar u iktar meta tikkunsidra li b'applikazzjoni tar-regolament 67 il-Koporazzjoni ghandha d-dritt li tissospendi l-provvista tal-kurrent *"f'dak il-kont u* ***f'kull kont iehor li jkun f'isem l-imsemmi konsumatur."***. Interpretazzjoni differenti tkun tfisser li persuna (fil-kaz taghna l-kumpannija attrici) li tidhol fi ftehim mal-Koporazzjoni Enemalta sabiex issir estensjoni tal-provvista tal-elettriku minghajr ma jkun parti ghal dak il-ftehim l-konsumatur li f'ismu jkun il-kont (Dr. Victor Bajada) tista' twassal biex jigi pregudikat dak il-konsumatur billi jigi sospiz il-provvista ta' l-elettriku f'postijiet ohra, u dan meta ghalih il-ftehim hu *res inter alios acta* u d-debitu (jekk jezisti) hu tal-kumpannija u mhux tieghu.

Fil-fatt waqt it-trattazzjoni l-abbli difensur tal-Korporazzjoni Enemalta ibbaza l-argumenti tieghu fuq ir-Regolament 35 li jipprovdi:-

**35.** L-impjant jibqa' proprjetà ta' Enemalta sakemm titħallas is-somma kollha li għandha titħallas; u s-sid tal-bini fejn ikun sar ix-xogħol ta' impjant ikollu jintrabat li ma għandu bl-ebda mod ifixkel lil Enemalta biex tneħħi dan l-impjant fil-każ illi l-konsumatur jonqos u ma jħallasx regolarment is-somma kollha jew xi biċċa mis-somma li jkollu jagħti ta' l-ispiża u mgħax fuqha kif hemm kalkolat fir-regolament 34(*b*).

L-istess regolamenti jaghtu definizzjoni tal-kelma **"impjant"**[5]:

"impjant" tfisser is-sistema tal-fili, u magħhom il-*holders*, il-*plugs*, is-*switches*, u rkaptu ieħor ta' armar li huma maħsubin biex jieħdu jew jaqtgħu l-kurrent, u lampi u apparat ieħor li jikkonsma l-kurrent fuq il-ġenb tat-terminali għall-provvista tal-konsumatur, jew ġewwa bini jew post illi s-sid tagħhom jew persuna li toqgħod fihom għandu liċenza biex jiġġenera kurrent elettriku għall-użu ġewwa dan il-bini jew post;

Il-Qorti hi tal-fehma li x-xogholijiet imwettqa mill-Korporazzjoni Enemalta jaqghu taht it-tifsira ta' "impjant".

Skond regolament 34:-

**34.** L-ispejjeż għall-estenzjoni ta' l-elettriku u, jew kontribuzzjoni għall-vultaġġ għoli jkunu jridu jitħallsu lill-Enemalta kif ġej:

(*a*) stimi taħt l-Lm1,000 jkunu jridu jitħallsu kollha mal-kuntratt;

(*b*) stimi 'l fuq minn Lm1,000 jkunu jridu jitħallsu 50% mal-kuntratt u 50% qabel ma din l-estenzjoni tiġi konnettjata mas-sistema ta' l-elettriku ta' l-Enemalta iżda suġġetta għall-ewwel ħlas minimu ta' Lm1,000.

Ghalhekk ir-regolament 34 jipprovdi dwar kif ghandhom jithallsu l-ispejjez, pero' fuq **l-istima li tkun ghamlet il-Korporazzjoni**. Stima li tohrog fl-istadju meta jkun ghadu ma bediex ix-xoghol, tant hu hekk li mal-kuntratt iridu jsiru

[5] It-tifsira ghadha kif kienet fl-Avviz Legali 223 tal-1940.

hlasijiet. Il-kelma “stima” fiha nnifisha taghti x’tifhem li l-ispejjez m’humiex definiti *a priori* u jista’ jkun il-kaz li wara li jitlesta x-xoghol jirrizulta li jkun dovut xi hlas iehor lill-Korporazzjoni. Dan qieghed jinghad bla pregudizzju wkoll ghal dak li jinghad fil-ftehim u fl-avviz li ntbaghat u li saret riferenza ghalihom fil-parti tas-sentenza fejn il-Qorti spjegat il-fatti li pprecedew din il-kawza. Skond ir-regolament numru 35 sakemm isir **il-hlas kollu tas-somma li ghandha tithallas**, l-“impjant” jibqa’ l-proprjeta’ tal-Korporazzjoni Enemalta. Ir-regolament 35 ma jillimitax il-hlas ghal dak li ghandu jithallas skond ir-regolament 34, cjoe’ l-istimi. Ir-raguni tghidlek li kieku dak li jinghad f’regolament 35 hu stretttament marbut ma’ regolament 34, f’regolament 35 kien sempliciment jinghad li *“l-impjant jibqa’ proprjeta’ ta’ Enemalta sakemm tithallas is-somma kollha li ghandha tithallas”* **skond ir-regolament 34**. Pero’ r-regolament hu iktar wiesgha minn hekk. L-Avviz Legali 223 tal-1940 (qabel saru l-emendi) fir-regolament 31(b) kien jipprovdi li wara li jitlesta x-xoghol ***“....l-ispiza ta’ dan ix-xoghol tigi ffissata sewwa”*** u kellha tithallas fi tmien rati ta’ somma ndaqs kull tlett xhur. F’dak iz-zmien is-sid tal-bini ukoll kellu jintrabat li ma jfixkilx lid-Dipartiment fit-tnehhija tal-impjant meta l-konsumatur jonqos milli jhallas *“...is-somma kollha jew xi bicca mis-somma li jkollu jaghti ta’ l-ispiza u mghax fuqha kif hemm ikkalkulat fil-paragrafu (b) tar-Regolament 31”*. L-istess dicitura li nsibu fir-regolament attwali. Pero’ l-Qorti m’hijiex sodisfatta li r-regolamenti 34 u 35 qeghdin jaghtu xi awtorita’ lill-Korporazzjoni li tissospendi l-provvista tal-elettriku f’kaz li l-bilanc dovut ghax-xoghol jibqa’ ma jithallasx wara li l-estensjoni tkun giet *“ikkonettjata mas-sistema ta’ l-Enemalta.”*. Ir-regolament 35 jittratta t-tnehhija ta’ l-impjant u jehtieg li s-sid tal-bini jintrabat li ma jfixkilx it-tnehhija. Rabta li ma gietx pruvata fil-kaz taghna. Il-Korporazzjoni konvenuta ma ghamlitx riferenza ghal xi provvediment li jaghtiha l-awtorita’ li f’cirkostanzi bhal dawk tal-kaz taghna tista’ minn jeddha taqbad u tissospendi l-provvista tal-kurrent.

4. Ghal dak li hu interess guridiku, il-Qorti ma taqbilx mat-tezi tal-Korporazzjoni konvenuta li l-atturi

m’ghandhomx interess guridiku. Ghalkem il-konsumatur registrat mal-Korporazzjoni Enemalta hu l-avukat Dr. Victor Bajada, jibqa’ l-fatt li:-

(a) L-attur Angelo Cefai hu wiehed mis-sidien tal-fond; u
(b) Minn gewwa l-fond Citadel Theatre, Telgha tal-Kastell, Victoria, Ghawdex il-kumpannija attrici qeghda tiggestixxi sala cinematografika. Il-post ghandu s-servizz tad-dawl u jekk dan jitnehha m’hemmx dubju li l-kumpannija attrici ssofri pregudizzju. Dan apparti l-fatt li x-xogholijiet li taghhom il-Korporazzjoni qeghda tippretendi hlas ta’ bilanc, saru ghall-beneficcju tal-istess kumpannija. Tant hu hekk li l-Korporazzjoni Enemalta harget il-kontijiet f’isem din il-kumpannija.

Ghalhekk l-atturi ghandhom interess attwali li jizguraw li l-Korporazzjoni ma tiehux xi azzjoni li biha tissospendi s-servizz ta’ l-elettriku fil-bini.

Fl-istess eccezzjoni ulterjuri l-Korporazzjoni konvenuta eccepit li ma jistax jintalab il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni perpetwu. L-atturi qeghdin joggezzjonaw ghal din l-eccezzjoni (ara rikors a fol. 281) stante li qatt ma nghatat l-awtorita’ biex tinghata din l-eccezzjoni. F’dan il-kuntest il-Qorti tichad ir-rikors tal-atturi ghall-isfilz ta’ din l-eccezzjoni, in kwantu:-

(a) In-nota ta’ l-eccezzjoniet ulterjuri prezentata fit-2 ta’ April 2008 giet notifikata lid-difensur tal-kontroparti u kien biss wara li l-kawza giet differita ghas-sentenza li saret l-opposizzjoni;
(b) F’kull kaz il-Qorti temmen li din l-eccezzjoni hi punt ta’ ligi li ghandu jigi trattat irrispettivament jekk tinghatax eccezzjoni.
(c) L-eccezzjoni li m’huwiex possibbli jintalab hrug ta’ inibizzjoni permanenti, fil-fehma tal-Qorti taqa’ fil-kategorija ta’ eccezzjoni perentorja tal-gudizzju u ghalhek tista’ tigi sollevata fl-istadju li nghatat mill-Korporazzjoni konvenuta.
(d) Fir-rikors prezentat fit-3 ta’ April 2008 (fol. 267) li bih il-Korporazzjoni konvenuta talbet il-permess biex

tipprezenta eccezzjonijiet ulterjuri, ippremettiet ukoll *“Illi inoltre l-projbizzjoni miltuba mill-atturi hi fi kwalunkwe kaz legalment improponibbli.”*. L-atturi wiegbu billi rrimettew ruhhom ghat-talba li saret fir-rikors. M’hemmx dubju li bi svista fid-digriet moghti fil-15 ta’ April 2008 (fol. 270) il-Qorti awtorizzat biss li tinghata l-eccezzjoni dwar in-nuqqas ta’ interess guridiku.

Sa certu punt il-Korporazzjoni Enemalta ghandha ragun tghid li ma tistax tigi marbuta b’mod permanenti milli taqta’ s-servizz tal-elettriku. Pero’ t-tielet (3) talba hi marbuta mat-tieni (2) talba, fis-sens li l-provvista tal-elettriku m’ghandix tigi sospiza fir-rigward tal-ammont ta’ Lm1,431.83 li l-Korporazzjoni ghadha tippretendi l-hlas taghha in konnessjoni mal-kontijiet datati 17 ta’ Gunju 1997 (fol. 94 u fol. 100). Ghalhekk it-tielet talba m’ghandix tigi kunsidrata *in vacuo*. L-atturi jippretendu li fir-rigward tal-pretensjoni tal-Korporazzjoni Enemalta ghas-somma ta’ Lm1,431.83, l-istess Korporazzjoni m’ghandix dritt li tissospendi s-servizz tal-elettriku ghal hlas ta’ din is-somma ghaliex l-atturi hallsu dak kollu li kellhom ihallsu (cjoe’ s-somma ta Lm3,812). M’hemmx dubju li t-talba sabiex il-Qorti zzomm lill-Korporazzjoni Enemalta milli tissospendi s-servizz tal-elettriku hi relatata mat-tieni talba.

5. Pero’ fil-fehma tal-Qorti l-azzjoni tal-atturi tfalli in kwantu t-tieni u t-tielet talba huma konsegwenzjali ghat-talba principali (l-ewwel talba) li taqra:-

***“Tiddikjara li ma huma dovuti ebda hlasijiet mill-atturi lill-Korporazzjoni Enemalta in konnessjoni max-xogholijiet ta’ estensjoni u devjazzjoni tal-cable tal-elettriku kif pretiz mill-istess Korporazzjoni”***.

Talba li kif rajna l-atturi rrinunzjaw ghaliha permezz ta’ nota prezentata fit-22 ta’ Frar 2008 (fol. 265). M’hemmx dubju li l-atturi bbazaw l-azzjoni fuq il-premessa li huma hallsu dak kollu li kien dovut lill-Korporazzjoni Enemalta ghax-xoghol li ghamlet ta’ estensjoni u devjazzjoni tal-cable tal-elettriku, u ghalhekk m’humiex debituri tas-

somma ta' Lm1,431.83 li qeghda tippretendi l-Korporazzjoni konvenuta. Il-kawza ma saritx fuq il-bazi li l-ligi ma taghti l-ebda jedd lill-Korporazzjoni Enemalta li fil-fattispecjie ta' dan il-kaz ir-regolament dwar is-sospensjoni tal-provvista tal-elettriku m'ghandux japplika. Kien biss fl-istadju tat-trattazzjoni li l-abbli difensur tal-atturi argumentat li r-regolament dwar is-sospensjoni tal-provvista tal-elettriku ma kienux japplikaw ghal fattispecjie ta' dan il-kaz. Fil-fehma tal-Qorti bil-mod li giet impostata l-azzjoni tal-atturi t-tieni (2) u t-tielet (3) talba ma jistghux iregu wahedhom. L-avukat li rrediga c-citazzjoni tant kien konsapevoli ta' dan il-fatt li t-tieni (2) u t-tielet (3) talba jibdew bil-kelma **"Konsegwentement"**. Il-fatt li ma nghatatx eccezzjoni f'dan is-sens ma jfissirx li l-Qorti ghandha taghlaq ghajnejha u tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet meta l-atturi rrinunzjaw ghat-talba principali, cjoe' li m'humiex debituri tal-Korporazzjoni Enemalta fir-rigward tad-xogholijiet ta' estensjoni u devjazzjoni tal-cable tal-elettriku. Il-konnessjoni bejn l-ewwel talba u t-talbiet l-ohra hi lampanti, u fil-fehma tal-Qorti l-azzjoni tal-atturi ma tistax tregi minghajr **it-talba principali (l-ewwel talba)**. Dan ifisser li t-tieni u t-tielet talba ma jistghux jigu decizi b'mod indipendenti mill-ewwel talba. Fic-cirkostanzi l-Qorti m'ghandix alternattiva ghajr li tichad it-tieni (2) u t-tielet (3) talbiet ghall-imsemmija raguni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi l-kawza billi:-

1. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju. Spejjez a karigu tal-atturi.

2. Tastjeni milli tiddeciedi dwar l-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni konvenuta in kwantu l-atturi rrinunzjaw ghall-ewwel talba, u dawn l-eccezzjonijiet huma strettament relatati mal-ewwel (1) talba.

3. Tichad ir-raba' eccezzjoni u l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-Korporazzjoni Enemalta, b'dan li ghar-raguni hawn fuq moghtija tichad it-tieni (2) u t-tielet (3) talbiet tal-atturi.

Il-Korporazzjoni Enemalta ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez relatati mar-raba' eccezzjoni u l-eccezzjoni ulterjuri, filwaqt li l-atturi ghandhom jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez relatati mat-talbiet tac-citazzjoni u l-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni Enemalta mehud in konsiderazzjoni li l-atturi rrinunzjaw ghall-ewwel talba. Spejjez relatati mal-perizja ghandhom ukoll jaghmlu tajjeb ghalihom l-atturi in kwantu jirrizulta li l-perit tekniku kien gie nkarigat ghal fini tal-ewwel talba. Spejjez tal-mandat ta' inibizzjoni numru 523/97 ikunu wkoll a karigu tal-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------